6.00pm Purċissjoni devota bl-istatwa tal-Immakulata Kunċizzjoni mat-toroq ewlenin tal-Belt Victoria bis-sehem tal-Fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni fi ħdan l-istess knisja. Il-W.R. Mons. Feliċ Tabone akkumpanjat mill-Patrijiet, imexxi l-purċissjoni. Il-purċissjoni tkun akkumpanjata mil-Banda Ċittadina *La Stella* tal-Belt Victoria. Mal-wasla tal-purċissjoni fi Pjazza San Franġisk isir pellegrinaġġ *Aux Flambeaux*. Mad-dħul tal-purċissjoni lura fil-knisja, tindaqq u titkanta l-antifona *Hodie Egressa* (Est.1884), ta' Mons Giuseppe Farrugia (tal-Vers). Isir it-tiġdid tal-Konsagrazzjoni tal-Komunità Franġiskana lill-Immakulata Kunċizzjoni u Barka Sagramentali. Imexxi l-W.R. Mons. Lawrenz Sciberras.

Il-kant tal-Antifona jsir mill-kor *Laudate Pueri* taħt id-direzzjoni tal-Maestro, il-Kan. Dun Ġorġ Frendo. Fit-tmiem isir il-bews tar-Relikwa mal-kant tal-innu popolari tal-Immakulata Kunċizzjoni 'Lejna Ħares'.

*F'każ li jkun il-maltemp f'jum il-festa u jekk it-temp jippermetti issir l-għada s-Sibt fil-5.00pm quddiesa u fil-5.45pm purċissjoni.*

**Il-Ħadd, 10 ta' Diċembru:**

9.30am Quddiesa ta' ringrazzjament. Mistiedna dawk kollha li taw is-sehem tagħhom fil-festa. Fi tmiem il-quddiesa isir id-dħul tal-istatwa fin-niċċa. Inkomplu b'ikla fis-sala taċ-Ċentru Franġiskan. Dawk interessati li jattendu għall-ikla jagħtu isimhom lill-*helpers*.

## PROGRAMM - FESTI TA' BARRA

Ħajr lill-Banda Ċittadina *La Stella* li toffri s-servizz mingħajr ħlas.

**Il-Ħamis, 7 ta' Diċembru: Lejlet il-Festa - Jum id-Dimostrazzjoni**

8.00pm Marċ mill-Banda Santa Margerita ta' Sannat li jibda minn Triq l-Arċisqof Pietru Pace (ħdejn il-Konservatorju) sa ħdejn iċ-Ċentru Franġiskan fejn tiltaqa' mal-Banda Cittadina *La Stella*.

8.30pm Il-Banda Ċittadina *La Stella* flimkien mal-Banda Santa Margerita jsellmu lill-Madonna ħdejn iċ-Ċentru Franġiskan. Il-Banda Santa Margerita tkompli bil-marċ li jakkumpanja l-istatwa tal-Immakulata Kunċizzjoni maħduma mill-Istatwarju Pawlu Aquilina fl-2002. It-toroq tal-marċ huma: Triq Għajn Qatet, Triq 8 ta' Diċembru, Triq Enrico Mizzi, Triq San Duminku, Triq Pompej għall-Pjazza San Franġisk. Il-Banda Ċittadina *La Stella* tkompli bil-marċ lejn Pjazza San Franġisk fejn tesegwixxi programm mużikali taħt il-pedestal. Fi tmiem il-marċ, l-istatwa tittella' fuq il-pedestal monumentali tagħha (dekorat minn Michael Camilleri Cauchi fl-2003) fi Pjazza San Franġisk waqt li jindaqqu l-innijiet l-*Ave Marija* akkumpanjat mis-Sopran Rosabel Pavia u *Lil Marija Immakulata,* versi tal-mibki Patri Mikiel Bezzina OFM Conv., u mużika tas-Surmast Joseph Vella. Fit-tmiem tal-Innu jsir il-ħruq ta' logħob tan-nar tal-art fi Pjazza San Franġisk, segwit bil-mużika.

**Il-Ġimgħa, 8 ta' Diċembru: Jum il-Festa**

5.15pm Marċ mill-Banda Ċittadina *La Stella* minn ħdejn is-Salib sa quddiem il-knisja minn fejn wara takkumpanja l-purċissjoni.

6.15pm Marċ mill-Banda *Imnarja* (Nadur) minn Triq l-Arċisqof Pietru Pace (ħdejn il-Konservatorju) sa Pjazza San Franġisk. Wara, l-istess banda tesegwixxi programm mużikali ħdejn il-knisja waqt il-ħin tal-purċissjoni. Fit-tmiem taċ-ċelebrazzjoni fil-knisja, ssir wirja spettakolari ta' logħob tan-nar tal-art.

## OPRI ĠODDA

### ĠEWWA:

- Kappa ħamra rrakmata u sopra terħa rrakmata għall-artal tal-Kunċizzjoni għal żmien n-novena tal-Festa mogħtija minn Carmelo Cremona, Ġorġ Grech, Joe Cini, Joe Sagona u oħrajn.
- Żewġ trieħi għall-artal mejda u l-artal tas-Sagrament bil-bizzilla tad-deheb. Mogħtija minn Lolly Grech.
- Żewġ pissidijiet bil-kalċi għat-tqarbin biż-żewġ speċi, mogħtija minn Sophie Calleja.
- Sitt fjuretti tal-monaster għall-artal tal-Angli.
- Blandun tax-xema' tan-naħal għal żmien l-Għid, impitter minn Josef Camilleri.
- Terħa u sopra terħa għall-artal ta' quddiem il-Kunċizzjoni għan-novena.
- Sett ta' sitt xemgħat għal quddiem l-istatwa tal-Kunċizzjoni, imħallsa minn benefattur u mpittra minn Josef Camilleri.
- Induratura ta' tliet Karti tal-Glorja għal fuq l-artal tal-Madonna tas-Saħħa, xogħol ta' Domenic Xerri.
- Induratura ta' sett ta' sitt gandlieri u salib tal-artal tal-Anġli.
- Żewġ anġli bil-brazz f'idejhom għall-festi tal-Milied u l-Għid.
- Induratura tal-bieba tan-niċċa ta' San Cologeru u l-ark ta' fuq l-artal tal-Madonna tas-Saħħa minn Raymond u Domenic Fenech.
- Ventartal tal-ġilda għall-artal ta' Sant'Antnin għat-Trediċina ddisinjat u impitter mill-artist Manuel Farrugia.
- Restawr tal-Profeti li jintramaw fuq l-artal ta' quddiem l-istatwa tal-Kunċizzjoni maħduma minn Aaron Camilleri Cauchi.
- 130 siġġu tal-ġild għall-knisja, imħallsa minn diversi benefatturi.
- Restawr tal-Kurċifiss tal-knisja u tal-istatwi ta' Sant'Antnin ta' Padova u San Cologero iż-żgħir minn Prevarti.
- Mużew li fih inġabru l-affarijiet storiċi tal-knisja u l-kunvent.

### FIĊ-ĊENTRU FRANĠISKAN:

- 80 siġġu tal-ġilda.
- 8 imwejjed.
- Forn u fridge għall-kċina.

### BARRA:

- Dekorazzjoni bid-dawl (Nome di Maria) għal mal-faċċata taċ-Ċentru Franġiskan maħduma u mogħtija minn Anthony Borg (il-Malti).
- Pavaljun għal mal-gallarija taċ-Ċentru għal żmien il-festa, xogħol ta' Josef Camilleri.
- Tkomplija tal-pavaljuni ta' Triq Palma: Sfumar minn Josef Camilleri u pitturi minn Manuel Farrugia.
- Tkomplija tal-bandalori tal-pjazza: Sfumar minn Josef Camilleri u pitturi minn Adonai Camilleri Cauchi.
- Bidu ta' sett pavaljuni għal Triq l-Isqof Pietru Pace, maħduma minn Josef Camilleri.

**Ħajr lill-Benefatturi kollha li għenu biex sar dan ix-xogħol.**

### PROGRAMM TAL-FESTI SOLENNI F'ĠIEĦ

# L-IMMAKULATA KUNĊIZZJONI



LI SER JIĠU ĊĊELEBRATI

FIL-KNISJA TA' SAN FRANĠISK T'ASSISI,

TAL-BELT VICTORIA, GĦAWDEX

**19 TA' NOVEMBRU – 8 TA' DIĊEMBRU 2017**

**Il-Ħadd, 19 ta' Novembru:**

5.00pm Velja ta' Talb quddiem Ġesù Ewkaristija għall-qdusija tal-familji.
Wara kafè flimkien fiċ-Ċentru Franġiskan.

**It-Tnejn, 20 ta' Novembru: Jum li fih nitolbu għall-Missjunarji**

5.45pm Rużarju meditat, kant tas-Salve Reġina, litanija tal-Kunċizzjoni, kurunella u Barka Sagramentali.
6.30pm Quddiesa minn Patri Peter Paul Cachia OSA.

**It-Tlieta, 21 ta' Novembru: Jum li fih nitolbu għall-Abbatini**

5.45pm Rużarju meditat, kant tas-Salve Reġina, litanija tal-Kunċizzjoni, kurunella u Barka Sagramentali.
6.30pm Quddiesa minn Mons Ġużeppi Attard, Vigarju Episkopali għall-familji.
Wara l-omelija jsir il-vestizzjoni tal-abbatini ġodda u t-tiġdid tal-wegħdiet tal-abbatini.

**L-Erbgħa, 22 ta' Novembru: Jum li fih nitolbu għall-Benefatturi tal-Festa**

5.45pm Rużarju meditat, kant tas-Salve Reġina, litanija tal-Kunċizzjoni, kurunella u Barka Sagramentali.
6.30pm Quddiesa minn Patri Joseph Buttigieg OFM Cap., Gwardjan tal-Kapuċċini.
7.30pm Laqgħa soċjali fiċ-Ċentru Franġiskan bil-logħob tat-tombla għal min irid.

**Il-Ħamis, 23 ta' Novembru: Jum li fih nitolbu għall-Għeżież Tagħna li mietu matul din is-sena**

5.15pm Adorazzjoni Komunitarja. Nitolbu għall-ġid spiritwali ta' din il-festa.
5.45pm Rużarju meditat, kant tas-Salve Reġina, litanija tal-Kunċizzjoni, kurunella u Barka Sagramentali.
6.30pm Quddiesa minn Patri Joseph Xerri OFM Conv., Gwardjan. Huma mistiedna b'mod partikulari l-familjari ta' ħutna li mietu matul din is-sena.

**Il-Ġimgħa, 24 ta' Novembru: Jum li fih nitolbu għal aktar Vokazzjonijiet**

5.45pm Rużarju meditat, kant tas-Salve Reġina, litanija tal-Kunċizzjoni, kurunella u Barka Sagramentali.
6.30pm Quddiesa minn Patri Joseph Formosa OFM Conv., Direttur tal-Vokazzjonijiet.
8.00pm L-ikla tal-Festa. Dawk interessati li jattendu jagħtu isimhom lill-*helpers* tal-knisja.

**Is-Sibt, 25 ta' Novembru: Jum il-Fratelli tal-Fratellanza tal-Kunċizzjoni**

5.45pm Rużarju meditat, kant tas-Salve Reġina, litanija tal-Kunċizzjoni, kurunella u Barka Sagramentali.
6.30pm Quddiesa mill-Kan. Dun Joseph Zammit. Wara l-omelija jsir it-tiġdid tal-professjoni mill-Fratelli tal-Fratellanza tal-Kunċizzjoni.

**Il-Ħadd, 26 ta' Novembru: Solennità ta' Kristu Sultan**

9.30am Quddiesa Solenni li fiha jiġu mħabbra l-festi li ser isiru f'ġieħ l-Immakulata Kunċizzjoni. Iqaddes Patri Joseph Xerri OFM Conv., Gwardjan. Jieħdu sehem il-Membri tal-Fratellanza tal-Kunċizzjoni, reffiegħa u devoti ta' Marija Immakulata. Fi tmiem il-Quddiesa isir il-ħruġ solenni tal-istatwa artistika u devota tal-Immakulata Kunċizzjoni, kapulavur fl-injam mill-iskultur Bormliż Salvatore Psaila (1848). Akkumpanjata bit-talb u l-kant tal-Innu, l-istatwa titqiegħed taħt il-pavaljun tagħha.
ISSIR L-AĦĦAR ĠABRA GĦALL-BŻONNIJIET TAL-FESTA.
Il-kant ta' waqt il-quddiesa u ċ-ċelebrazzjoni tal-ħruġ tal-Istatwa isir mill-Chorus Urbanus, taħt it-tmexxija ta' Maestro John Galea B. Mus. (Hon) FTCL.
5.00pm Velja ta' Talb quddiem Ġesù Ewkaristija għall-qdusija tal-familji.

**It-Tnejn, 27 ta' Novembru: Jum li fih nitolbu għar-Reffiegħa u *Helpers* tal-Festa**

5.45pm Rużarju meditat, kant tas-Salve Reġina, litanija tal-Kunċizzjoni, kurunella u Barka Sagramentali.
6.30pm Quddiesa bl-omelija minn Dun Eddie Zammit, Rettur tal-Kappella tar-Ragħaj it-Tajjeb.

**It-Tlieta, 28 ta' Novembru: L-Ewwel Jum tan-Novena**

5.45pm Rużarju meditat, kant tas-Salve Reġina, litanija tal-Kunċizzjoni, kurunella u Barka Sagramentali.
6.30pm Quddiesa tan-Novena bl-omelija minn Mons. Joseph Gauci.

**L-Erbgħa, 29 ta' Novembru: It-Tieni Jum tan-Novena**

5.45pm Rużarju meditat, kant tas-Salve Reġina, litanija tal-Kunċizzjoni, kurunella u Barka Sagramentali.
6.30pm Quddiesa tan-Novena bl-omelija minn Mons. Joseph Gauci.

**Il-Ħamis, 30 ta' Novembru: It-Tielet Jum tan-Novena**

5.15pm Adorazzjoni Komunitarja.
5.45pm Rużarju meditat, kant tas-Salve Reġina, litanija tal-Kunċizzjoni, kurunella u Barka Sagramentali.
6.30pm Quddiesa tan-Novena bl-omelija minn Mons. Joseph Gauci.

**Il-Ġimgħa, 1 ta' Diċembru: Ir-Raba' Jum tan-Novena**

5.45pm Rużarju meditat, kant tas-Salve Reġina, litanija tal-Kunċizzjoni, kurunella u Barka Sagramentali.
6.30pm Quddiesa tan-Novena bl-omelija minn Patri Christian Borg OFM Conv., Kappillan tal-Parroċċa ta' Burmarrad.

**Is-Sibt, 2 ta' Diċembru: Il-Ħames Jum tan-Novena**

5.45pm Rużarju meditat, kant tas-Salve Reġina, litanija tal-Kunċizzjoni, kurunella u Barka Sagramentali.
6.30pm Quddiesa tan-Novena bl-omelija minn Patri Christian Borg OFM Conv., Kappillan tal-Parroċċa ta' Burmarrad.
8.00pm Varjetà fiċ-Ċentru Franġiskan.
8.00pm Quddiesa minn Mons. Ružar Borg. Ikompli l-Lejl Ewkaristiku mal-Moviment Ewkaristiku.
Nofsillejl Quddiesa.

**Il-Ħadd, 3 ta' Diċembru: Is-Sitt Jum tan-Novena**

4.15pm Rużarju meditat, kant tas-Salve Reġina u litanija tal-Kunċizzjoni.
5.00pm Quddiesa tan-Novena bl-omelija minn Patri Christian Borg OFM Conv., Kappillan tal-Parroċċa ta' Burmarrad.

**It-Tnejn, 4 ta' Diċembru:**
**Is-Seba' Jum tan-Novena - L-Ewwel Jum tat-Tridu**

9.00am Quddiesa għall-anzjani. Iqaddes Mons. Pawlu Cardona, Vigarju Episkopali tal-Kleru għad-Djoċesi. Fiha jiġi amministrat is-Sagrament tal-Griżma tal-Morda. Wara l-quddiesa tingħata tifkira lill-anzjani.
6.00pm Rużarju meditat, kant tas-Salve Reġina u litanija tal-Kunċizzjoni.
6.30pm Quddiesa minn Mons. Ġwann Cremona Rettur tal-Kappella ta' Santa Marta. Jipprietka Dun Simon Cachia. Wara l-quddiesa kurunella, innu, antifona, ċelebrazzjoni Ewkaristika u bews tar-Relikwa. Ikanta l-kor *Laudate Pueri* taħt it-tmexxija tal-Maestro, il-Kan. Dun Ġorġ Frendo.

**It-Tlieta, 5 ta' Diċembru: It-Tmien Jum tan-Novena - It-Tieni Jum tat-Tridu**

6.00pm Rużarju meditat, kant tas-Salve Reġina u litanija tal-Kunċizzjoni.
6.30pm Quddiesa minn Mons. Salv Debrincat, Kanċillier tal-Kurja tal-Isqof. Jipprietka Dun Simon Cachia. Wara l-quddiesa kurunella, innu, antifona, ċelebrazzjoni Ewkaristika u bews tar-Relikwa. Ikanta l-kor *Laudate Pueri* taħt it-tmexxija tal-Maestro, il-Kan. Dun Ġorġ Frendo.

**L-Erbgħa, 6 ta' Diċembru: Id-Disa' Jum tan-Novena - It-Tielet Jum tat-Tridu**

6.00pm Rużarju meditat, kant tas-Salve Reġina u litanija tal-Kunċizzjoni.
6.30pm Quddiesa minn Mons. Tarcisio Camilleri, Vigarju Ġenerali tal-Isqof. Jipprietka Dun Simon Cahia. Wara l-quddiesa kurunella, innu, antifona, ċelebrazzjoni Ewkaristika u bews tar-Relikwa. Ikanta l-kor *Laudate Pueri* taħt it-tmexxija tal-Maestro, il-Kan. Dun Ġorġ Frendo.

**Il-Ħamis, 7 ta' Diċembru: Lejlet is-Solennità tal-Immakulata**

7.30am Konċelebrazzjoni mmexxija minn Patri Joseph Xerri OFM Conv., Gwardjan flimkien mal-Patrijiet tal-Komunità, f'għeluq in-Novena. Wara t-tqarbin isir il-kant tat-Te Deum b'radd il-ħajr lil Alla fi tmiem in-Novena.
10.00am Quddiesa għat-tfal tal-iskola Laura Vicuna, Għasri.
5.15pm Translazzjoni Solenni mill-W.R. Ministru Provinċjal Patri Ġorġ Zammit OFM Conv. bis-sehem tal-Membri tal-Fratellanza tal-Kunċizzjoni fil-Pjazza.
5.45pm Kant Solenni tal-Ewwel Għasar tas-Solennità tal-Kunċizzjoni u Barka Sagramentali. Jippresiedi l-W.R. Ministru Provinċjal Patri Ġorġ Zammit OFM Conv.
Ikanta l-kor *Laudate Pueri*, taħt it-tmexxija tal-Maestro, il-Kan. Dun Ġorġ Frendo.
6.30pm Quddiesa Solenni ppreseduta mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech, Isqof Djoċesan, bis-sehem tal-W.R. Mons. Arċiprieti tal-Parroċċi tar-Rabat u l-Komunità tal-Patrijiet. Wara l-Qari tal-Evanġelju, l-E.T. Mons Isqof jagħmel il-prietka tal-okkażjoni.
Ikanta l-kor *Chorus Urbanus* taħt id-direzzjoni ta' Maestro John Galea B.Mus. (Hon) FTCL.

**Il-Ġimgħa, 8 ta' Diċembru:**
**Solennità Liturġika tat-Tnissil Bla Tebgħa tal-Verġni Mqaddsa Marija, l-Immakulata Kunċizzjoni**

5.30am, 6.30am, 7.30am, 8.30am, 11.30am, 1.00pm: Quddies bl-omelija.
9.30am Quddiesa Solenni ppreseduta mill-W.R. Mons. Joseph Cauchi flimkien mal-Komunità tal-Patrijiet u Saċerdoti Djoċesani. Wara l-Qari tal-Evanġelju, Dun Richard Farrugia, Rettur tas-Seminarju Maġġuri tad-Djoċesi, jinseġ kuruna ta' tifħir lil Alla ad unur l-Immakulata Kunċizzjoni. Ikanta l-kor *Laudate Pueri* taħt it-tmexxija tal-Maestro, il-Kan. Dun Ġorġ Frendo.
3.00pm Adorazzjoni Solenni mmexxija mill-membri tal-Leġjun ta' Marija.
4.00pm Quddiesa Solenni mill-W.R. Dun Richard Farrugia, Rettur tas-Seminarju Maġġuri tad-Djoċesi.
5.00pm Kant Solenni tat-Tieni Għasar ippresedut minn Mons. Felic Tabone.
Ikanta l-kor *Laudate Pueri* taħt it-tmexxija tal-Maestro, il-Kan. Dun Ġorġ Frendo.
5.45pm Ħruġ Solenni tal-istatwa artistika u devota tal-Immakulata Kunċizzjoni kapulavur fl-injam tal-istatwarju Bormliż Salvatore Psaila (1848). Il-Banda Dekana Ċittadina *La Stella* tal-Belt Victoria ssellem lill-Immakulata Kunċizzjoni bil-kant tal-Innu *Lodate Maria*, mużika tas-Surmast Ġ. Flamingo, taħt id-direzzjoni ta' Maestro Joseph Vella B. Mus. (DUNELM) FLCM, bis-sehem tal-kor *Laudate Pueri* , Tenur u Baritonu.